# L-iskola tas-Sajf għall-Komunikazzjoni tax-Xjenza tkompli tirranka

**Mar 14, 2017 13:25** **Miktub minn iNews**




L-Iskola tas-Sajf STEAM se terġa' tiftaħ għal sena oħra wara li tnediet b'suċċess fl-2016. L-iskola, mgħallma minn tim internazzjonali, tipprovdi taħriġ fil-komunikazzjoni tax-xjenza għal studenti universitarji, riċerkaturi u edukaturi. Il-programm jgħaqqad ix-xjenza u l-arti, u jqiegħed il-komunikazzjoni tax-xjenza f'perspettiva ġdida u innovattiva.

Il-programm li hu mifrux fuq għaxart ijiem (3–12 ta' Lulju, 2017) ser isir fil-Lukanda Golden Coast f'Ateni u jinkludi diversi aspetti dwar il-komunikazzjoni tax-xjenza: dawn jinkludu l-ġurnaliżmu, l-arti, il-midja soċjali, il-management, il-politika, u t-teatru. Din hija esperjenza ta' immersjoni sħiħa fil- komunikazzjoni tax-xjenza li tgħaqqad it-teorija mal-prattika. Il-metodu huwa adattat għal dawk li m'għandhomx esperjenza estensiva fil-komunikazzjoni tax-xjenza u oħrajn li jridu jiksbu ħiliet ġodda ta' tagħlim għal tul il-ħajja.

STEAM għandu l-għan li jħarreġ ambaxxaturi tal-komunikazzjoni tax-xjenza li huma ħerqana li jaħdmu ma' setturi varji tal-pubbliku. Xi riżultati mistennija minn din l-iskola huma t-titjib tal-kuxjenza u l-impenn fix-xjenza, żieda fin-numru ta' studenti f'karrieri fix-Xjenza, it-Teknoloġija, l-Inġinerija, u l-Matematika (STEM) u titjib fil-ħiliet trasferibbli tar-riċerkaturi.

Hemm sitta u tletin għotja disponibbli għal studenti, riċerkaturi żgħażagħ, u edukaturi.  L-għotja tkopri l-miżata għall-parteċipazzjoni fl-iskola tas-sajf, kif ukoll xi għajnuna għall-ivvjaġġar u spejjeż tal-għajxien. Dawk li japplikaw għall-għotja jeħtieġu li jkunu formalment konnessi ma' istituzzjoni msieħba u għandhom japplikaw sas-7 ta' April.  L-iskola hija wkoll miftuħa għal reġistrazzjonijiet bi ħlas, li bħalissa huma miftuħa bi skont għal min japplika kmieni.

Għal aktar informazzjoni idħlu fuq www.steamsummerschool.eu jew ikkuntattjaw lil steam@um.edu.mt.

Iffinanzjat mill-programm Erasmus+, STEAM huwa mmexxi mill-Università ta' Malta, bl-imsieħba li ġejjin: L-Assoċjazzjonijiet tal-Ġurnalisti tax-Xjenza tal-Unjoni Ewropea (EUSJA, Franza), l-Università Haaga-Helia (Finlandja), Science View (Greċja), l-Università ta' Edinburgh (Renju Unit) u l-Università Rhine-Waal (Ġermanja).